MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2240/2004

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**David Pollina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Novembru 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannata ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa mija u sitta u ghoxrin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm926.47) rapprezentanti bilanc ta prezz dovut kont ai termini ta' kuntratt numru 9410 in rigward ta servizzi lilu rezi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 21 ta Ottubru 2004 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz oltre l-imghaxijiet legali

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt li huwa minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2005, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ disa mija u sitta u ghoxrin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm926.47) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-precitata ittra ufficcjali u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza nkluzi dawk ta ittra ufficjali datata 21 ta Ottubru 2004 u tal-mandat ta sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------